**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

Avviż Nru: 145/2020 LC

**VICTOR PETRONI**
(K.I. 772348M)

*vs*

**JUSTIN HABER**
(K.I. 278281M)

**Illum, 16 ta' Diċembru 2021**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta Victor Petroni ppreżentat fis-7 ta' Awwissu 2020 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lil Justin Haber jirrifondi l-ammont lura lir-rikorrenti, fis-somma ta' sitt elef Ewro (€6,000), liema somma ingħatat lill-intimat bħala depożitu għall-ordni ta' aquarium, skond l-istipulazzjonijiet tal-iskrittura annessa mal-avviz u mmarkata Dok VP1, liema *aquarium* qatt ma ġie kkonsenjat u saret offerta ta' tip differenti minn dak ordnat u miftiehem miegħu, liema alternattiva m'hijiex aċċettabbli.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 674/2020 u bl-imgħax mid-data tal-iskrittura privata datata l-21 ta' Novembru 2019

sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-intimat, li min issa inġunt għas-subizzjoni.

Rat illi l-intimat Justin Haber ġie debitament notifikat fil-5 ta’ Ottubru 2020 u minkejja dan huwa baqa’ ma sottometta ebda risposta għat-talba tar-rikorrenti;

Rat illi fis-seduta tas-06 ta’ Diċembru 2021, il-konvenut imsejjaħ diversi drabi baqgħet ma deherx u lanqas ma ppreżenta ir-risposta tiegħu għat-talba tar-rikorrenti sa dakinhar minkejja li kien hemm diversi seduti quddiem dina l-Qorti;

Rat illi fl-istess seduta tas-06 ta’ Diċembru 2021 il-Qorti awtorizzat lir-rikorrenti, fuq talba tiegħu stess, sabiex jippreżenta kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut, liema kapitolu ġie ppreżentat seduta stante u ġie approvat mill-Qorti;

Rat illi fil-kapitoli għas-subizzjoni tal-konvenut, ir-rikorrenti talab lill-konvenut sabiex jipprova bil-ġurament tiegħu li huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma indikata u għar-ragunijiet kontenuti fl-avviż odjern;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-subizzjoni tal-konvenut għal-lum stess.

Rat illi fis-seduta tal-lum il-konvenut ma deherx għas-subizzjoni tiegħu sabiex iwieġeb għad-domanda tar-rikorrenti.

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta li minkejja li l- konvenut ġie debitament notifikata bl-atti proċesswali kif hawn fuq imsemmi, huwa għażel li ma jddaħħal ebda risposta u lanqas li jidher għas-sejħa ġudizzjarja tar-rikorrenti.

Illi bl-applikazzjoni tal-Artikoli 698(2) u 702 *et seq* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti talab li l-konvenut jingħata s-subizzjoni u għaldaqstant talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex iressaq il-kapitoli fil-konfront tiegħu.

Ikkonsidrat;

Illi s-subizzjoni ta' parti hija proċedura li ġġib effetti serji ħafna fuq il-posizzjoni ta dik il-parti jekk tali tonqos li tidher. Illi kif ġie ritenut fis-sentenza **Dr John Buttigieg LL.D, M.P. vs Michael Marletta**[1], "*il-materja tas-subizzjoni hija materja delikata u deċiżiva peress li biha jekk il-parti tonqos li tidher, il-kapitoli jittieħdu bħala konfessati u l-konvenut ikun impedut li jagħmel appell amenokke ma jiġġustifikax il-kontumaċja tiegħu.*"

Illi di piu, ġie ritenut fis-sentenza **Stephen Vella et v. Bollicine Limited**[2] rigward il-kaptoli li:

> "*jibda biex jigi osservat illi in linea ta' principju l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament prevvisti u determinati mil-ligi taht il-Kapitolu 12. Ara Artikoli 698 (2) u 702 (3). Minnhom huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f' min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Anthony Borg -vs- Samwel Veneziani**", Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998, illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret <u>prova posittiva</u> li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal*

[1] **Dr John Buttigieg LL.D, M.P. vs Michael Marletta,** Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 11 ta' Novembru 1986
[2] **Stephen Vella et v. Bollicine Limited**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) 9 ta' Jannar 2008 (Appell Ċivili Nru 161/2005/1)

*ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut.*

*In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-gurisprudenza, issoktaw jaffermaw, u jikkawtelaw ukoll, illi tali prova wehida mhux necessarjament u bilfors ghandha tiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni ta' l-attur in kwantu dak l-istat migjub in essere bil-kapitolu ma ghandux ifisser li qed jintroduci derogi ghall-principju tal-piz tal-provi. Kif rilevat mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fil-kawza "James Trapani et -vs- Vincent Cilia" (28 ta' April 2000), "il-kapitoli jitqiesu konfessati pero` dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammississjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga` prodotta quddiem il-Qorti. Dan ghaliex kif gja nghad is-subizzjoni setghet tintalab f' kull parti tal-procedura*";

*Naturalment, l-apprezzament relattiv ta' dik il-prova b' dak il-kapitolu hu rimess ghall-poter diskrezzjonali tal-Qorti adita mill-mertu, u f' dan il-kaz, tajjeb jew hazin, l-ewwel Qorti dehrilha li setghet tigbed il-konkluzjoni illi l-fatt dedott mill-atturi kien ghaliha suffragat bil-prova kostitwita mill-kapitolu;"*

Għalhekk, minkejja li r-rikorrenti ressaq il-kapitoli kontra l-konvenut, dan ma jfissirx awtomatikament li t-talbiet rikorrenti ġew awtomatikament ipprovati sal-grad rikjest mil-liġi.

Filfatt, ġie ritenut fis-senteza Tabib **Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et**[3] illi "*Huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wieġeb għalihom u ma jkunx iġġustifika l-kontumaċja, għandhom jitqiesu bħala konfessjoni. Imma dana ma jfissirx li l-Qorti*

[3] **Tabib Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 28 ta' Ġunju 1952.

*hija obligata toqgħod dejjem duq dik il-preżunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija sempliċi mezz ta' prova, u għandha tiġi eżaminata u valjata flimkien mal-provi l-oħra kollha tal-kawża' b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux konfaċenti mal-provi l-oħra tal-kawża, u l-Qorti jidrilha li għandha tagħti prevalenza lil dawk il-provi l-oħra, il-konfessjoni preżunta derivanti mis-subizzjoni għandha ċċedi quddiem dawk il-provi l-oħra*."

B'hekk, fil-perspettiva ta' dan il-prinċipju appena enunċjat, il-Qorti ser tgħaddi biex teżamina l-provi mressqa in sostenn tat-talba attriċi.

Ikkonsidrat;

Illi fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2021, ir-rikorrenti ppreżenta l-affidavit tiegħu, (Dok VP1) fejn bil-ġurament tiegħu stqarr li d-designer tiegħu, ċerta Adrian Micallef, kien iddisinnjalu *aquarium* apposta għaliħ u huwa ngaġġa lill-intimat sabiex jieħu ħsieb l-importazzjoni u l-installar ta' dan l-*aquarium.* Filfatt, fil-21 ta' Novembru 2019, il-partijiet iffirmaw skrittura privata fejn ftiehmu fuq il-pattijiet u ehmżu magħha wkoll id-disinn speċifiku ta dan l-*aquarium*. Il-prezz globali għal dan l-*aquarium*, inkluż il-ħut, kien ta' €9,919. Minn dan l-ammont, ir-rikorrenti ħallas is-somma ta' €6,000 bħala depożitu bil-kondizzjoni li jekk l-*aquarium* ma jasalx fi żmien 90 ġurnata mill-ftehim, l-intimat kellu jirrifondi lura dan id-depożitu.

Ir-rikorrenti kompla jgħid li minkejja li kien għadda t-terminu ta' 90 ġurnata kif miftiehem l-*aquarium* baqa' ma wasalx u kull darba li r-rikorrenti kien jistaqsieħ dwaru l-intimat kien jgħidlu li dalwaqt se jkun f'Malta. Meta finalment wasal, ir-rikorrenti ma jara l-*aquarium* u nduna li dan ma kienx skont id-disinn miftiehem. Ir-rikorrenti talbu jagħtiħ il-flus lura iżda l-intimat offrielu li jġiblu *aquarium* ieħor skont id-disinn maqbul. Ir-rikorrenti aċċetta din l-offerta però wara ammont

ta' żmien l-*aquarium* baqa' ma wasalx. Wara ftit, l-intimat qata' kull kuntatt li kellu mar-rikorrenti ħlief wara li nfetħet il-kawża preżenti. Filfatt, ir-rikorrenti sostna li fil-mori ta' dawn il-proċeduri, il-partijiet iffirmaw kostituzzjoni ta' debitu fejn l-intimat ikkostitwixxa lilu nnifsu bħala debitur tar-rikorrenti fis-somma hemm indikata u l-partijiet ftehemu wkoll il-modalità tal-pagamenti. Jirriżulta, madanakollu, li l-intimat ma onorax dan it-tieni ftehim.

Ir-rikorrenti ressaq ukoll lid-designer tiegħu Adrian Micallef fejn stqar li kien iddisinnja l-*aquarium* speċifikatament għar-rikorrenti u kien għadda dan id-disinn hu stess lill-intimat. Qal li meta wasal l-aquarium, hu mar jaraħ flimkien mar-rikorrenti u minn hemm induna li l-*aquarium* ma kienx skont id-disinn li kien għamel.

Illi mill-provi prodotti mir-rikorrenti, din il-Qorti ssib li l-intimat tassew naqas milli jikkunsinnja l-*aquarium* miftiehem entro t-terminu maqbul bejn il-partijiet. Di più, minkejja li l-intimat offra li jġib aquarium ieħor, dan baqa ma ġiex ikkunsinnjat. Il-Ftehim datat il-21 ta' Novembru 2019 iffirmat bejn il-partijiet jistipola li *"Should the second party* [l-intimat] *fail to deliver the aquarium, this agreement will lapse and the Second Party shall refund the First* [ir-rikorrenti] *the full price of €6,000 (six thouusand Euro) at the expiration of the said ninety days*".

Illi b'hekk, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hi tal-fehma li l-kapitoli mressqa huma konsonanti mat-talba tar-rikorrenti u b'hekk m'hemmx raġuni għalfejn il-Qorti ma tilqax it-talba attriċi.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-imgħax, ir-rikorrenti qiegħed jitlob illi dawn ikunu ikkalkolati mid-data tal-21 ta' Novembru 2019, ossija d-data tal-ftehim sopra msemmi. Dan il-ftehim, ma jagħmel ebda referenza

għal imgħax fl-eventwalità li d-depożitu jitħallas lura. B'hekk, il-Qorti ser tapplika d-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 1141 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda qabel ma tagħmel dan, jeħtieġ li teżamina n-natura tal-obbligazzjonijiet *de quo*, ossija jekk hijiex waħda ta' natura ċivili jew ta' kummerċjali.

Mill-affidavit tar-rikorrenti jirriżulta illi dan l-*aquarium* kien intiż għar-residenza personali tiegħu. Illi l-Artikolu 5 tal-Kap.13 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola b'mod esklussiv liema huma dawk l-atti li jitqiesu bħala atti tal-kummerċ.

Illi huwa ċar li l-każ odjern ma jikkostitwixxix obligazzjoni ta' xorta kummerċjali u b'hekk huwa l-Artikolu 1141(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li huwa applikabbli. Dan l-Artikolu jistopla li "*F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*"

Illi, mill-atti odjerni jirriżulta li l-ewwel sejħa b'att ġudizzjarju saret fis-7 ta' Awwissu 2020, ossija bl-avviż promotor. Illi sfortunatament, minkejja li tissemma l-ittra uffiċjali Nru 674/2020 fl-avviż promotur, ma nġabet ebda prova li din l-ittra ġiet notifikata lill-intimat u b'hekk, għall-finijiet ta' mora, il-Qorti mhux se tikkonsidra dan l-att ġudizzjarju appena msemmi.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement tikkundanna lill-intimat Justin Haber iħallas lir-rikorrenti Victor Petroni is-somma ta' sitt elef Ewro (€6,000) u bl-imgħax legali b'effett mis-07 ta' Awwissu 2020, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż tal-preżenti kif ukoll tal-Ittra Uffiċjali Nru 674/2020 jkunu a karigu tal-konvenut.

Dr. Leonard Caruana
**Maġistrat**